



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2012/2297 (INI)**

24.4.2013

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għas-Sajd

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

dwar it-Tkabbir Blu – It-tishiġ tat-tkabbir sostenibbli fis-setturi tal-baħar, tat-trasport marittimu u tat-turiżmu fl-UE  
(2012/2297(INI)) Il-Parlament Ewropew,

Rapporteur: Nikolaos Salavrakos

PA\_NonLeg

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Sajd jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar fl-importanza strateġika tal-industrija tas-sajd għat-'Tkabbir Blu' f'termini tal-provvista tal-ħut u l-bilanċ tal-ikel fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-kontribut konsiderevoli tagħha għall-benesseri soċjoekonomiku fil-komunitajiet kostali; ifakkar ukoll li l-UE timpорта iktar minn 60 % tal-ħut li tikkonsma minn pajjiżi terzi;
2. Jirrikonoxxi li l-ibħra u l-oċeani kulma jmur se jkollhom rwol iktar prinċipali fit-tkabbir tal-ekonomija globali fil-futur; iqis li l-istrateġija tat-'Tkabbir Blu', bħala parti mill-Politika Marittima Integrata, se tteġġeg l-iżvilupp ta' sinerġiji u politiki koordinati fis-settur tas-sajd u l-akkwakultura fost l-oħrajn, u b'hekk se tiġġenera valur miżjud Ewropew u se tikkontribwixxi għall-ħolqien tal-impjiegi fis-settur tal-baħar;
3. Jenfasizza li l-akkwakultura u s-sajd għandhom jikkontribwixxu għall-produzzjoni tal-ikel fuq bażi sostenibbli fl-Unjoni kollha u għas-sikurezza tal-ikel u l-protezzjoni tal-konsumatur għat-terminu twil ta' żmien; iqis li l-iżvilupp u l-innovazzjoni tal-industrija ta' industrija tal-ipproċessar tal-akkwakultura u s-sajd sostenibbli għandhom jitteġġu billi titnaqqas il-burokrazija u jiġu promossi opportunitajiet ta' impjiegi f'dawn is-setturi, filwaqt li titjieb il-kwalità tal-ħajja kemm fiż-żona kostali u kif ukoll f'dik rurali;
4. Jirrikonoxxi l-vantaġġi tat-tkabbir fis-setturi differenti tal-baħar, pereżempju l-iżvilupp ta' installazzjonijiet tal-enerġija lil hinn mill-kosta u l-estrazzjoni tal-minerali tal-baħar u l-importanza li jiġi attirat l-investment f'dak ir-rigward; jenfasizza, madankollu, li meta jitwettqu dawn l-attivitajiet għandha tingħata attenzjoni massima biex jiġi evitat id-dannu lill-ambjent tal-baħar u liż-żoni tas-sajd; jappoġġja, b'rabta ma' dan, l-iżvilupp tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu u l-Ġestjoni Integrata taż-Żoni Kostali bħala mod biex jinkiseb użu koerenti u effettiv tal-ispazju tal-baħar; iqis li dawn l-għodda ta' ppjanar u ġestjoni għandhom jiġu applikati fil-livell prattiku sabiex jitkejjel l-impatt kumulattiv tad-diversi attivitajiet tal-bniedem li jsiru fuq il-baħar u fiż-żoni kostali;
5. Jilqa' l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal direttiva li tistabbilixxi qafas għal-Ippjanar Spazjali Marittimu u l-Ġestjoni Integrata taż-Żoni tal-Kosta u jenfasizza l-importanza ta' koerenza fl-applikazzjoni futura tagħha;
6. Jenfasizza l-importanza tar-riċerka dwar il-baħar u r-riċerka marittima u l-ġbir tad-data u l-iskambju fil-fehim u b'kunsiderazzjoni tal-interazzjoni kumplessa bejn id-diversi setturi marittimi kif ukoll għall-iżvilupp tas-sajd sostenibbli li jirrispetta l-ambjent u jqis il-ħtiġijiet soċjali u ekonomiċi tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer;
7. Jirrikonoxxi li l-protezzjoni tal-fruntieri marittimi Ewropej hija sfida għall-Istati Membri; iqis li ekonomija blu b'suċċess tirrikjedi fruntieri marittimi tal-UE sikuri, sabiex ikunu żgurati l-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar, il-kontrolli tas-sajd, il-ġlieda kontra s-sajd illegali kif ukoll l-infurzar tal-leġiżlazzjoni; jenfasizza, f'dan ir-rigward, l-importanza tal-istabbiliment ta' funzjoni ta' gwardjani tal-kosta Ewropej għall-koordinazzjoni tal-azzjoni u tas-sorveljanza tal-baħar; jenfasizza, barra minn hekk, l-importanza li jiġu intensifikati u

mmultiplikati l-inizjattivi ta' kooperazzjoni reġjonali rilevanti għas-sajd;

8. Jenfasizza l-importanza tal-Fond Ewropew Marittimu u tas-Sajd (FEMS) tal-futur, li għall-ewwel darba jgħaqqad il-finanzjament tal-Politika Marittima Integrata u tal-Politika tas-Sajd, biex jappoġġja l-iżvilupp sostenibbli u li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent tas-sajd, l-akkwakultura u l-ipproċessar tas-sajd, kif ukoll id-diversifikazzjoni tal-introjtu fil-komunitajiet tas-sajd li jiddependu minn dawk is-setturi, partikolarment fir-rigward tas-sajd kostali fuq skala żgħira, it-taħriġ vokazzjonali għan-nisa u ż-żgħażaġh u li jiġu attirati intraprendituri ġodda fis-settur;
9. Ihegġegħ lill-UE taħdem favur ftehimiet internazzjonali ambizzjużi mmirati lejn it-titjib tal-ġestjoni tas-sajd, billi tuża l-istrateġija interna tagħha għat-tkabbir blu sostenibbli bħala l-punt ta' referenza tagħha;
10. Jenfasizza l-importanza tar-reġjuni kostali u tat-turiżmu kostali u marittimu sostenibbli għall-iżvilupp ta' ekonomija marittima, soċjali u ekoloġika li tinkludi kollox; ihegġegħ lill-Kummissjoni tiżviluppa programmi speċifiċi ddedikati għall-iżvilupp tat-turiżmu tas-sajd, tal-kosta, dak marittimu u tal-kruċieri, u oqsma oħra ta' żvilupp ekonomiku marbuta mal-baħar u mal-attività tas-sajd, u li b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp soċjoekonomiku tal-komunitajiet lokali; jenfasizza l-importanza tal-koeżistenza ta' ħiliet li jtejbu lil xulxin b'mod reċiproku, li huma essenzjali sabiex jiġu protetti l-impjiegi eżistenti u jiġu stimulati l-impjiegi fir-reġjuni tal-baħar;
11. Jiġbed l-attenzjoni lejn il-fatt li għandha titqies kif xieraq il-ġeografija partikolari tar-reġjuni l-iktar imbiegħda.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

<b>Data tal-adozzjoni</b>	23.4.2013
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 20 -: 3 0: 0
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	John Stuart Agnew, Antonello Antinoro, Kriton Arsenis, Chris Davies, Carmen Fraga Estévez, Pat the Cope Gallagher, Dolores García-Hierro Caraballo, Marek Józef Gróbarczyk, Ian Hudghton, Werner Kuhn, Jean-Marie Le Pen, Isabella Lövin, Gabriel Mato Adrover, Maria do Céu Patrão Neves, Crescenzo Rivellini, Ulrike Rodust, Raül Romeva i Rueda, Struan Stevenson, Isabelle Thomas, Nils Torvalds, Jarosław Leszek Wałęsa
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Ole Christensen, Jean Louis Cottigny, Diane Dodds, Barbara Matera, Gesine Meissner, Jens Nilsson, Nikolaos Salavrakos